# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 4 ta' Ottubru 2019

**Rikors Numru : 65/2019JPG**

**Kawza Numru : 22**

**DM**

**Vs**

**SM**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DM, datat 6 ta' Frar 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi hija zzewget lill-intimat fit-23 ta' Ottubru 1999 fil-knisja tal-Kullegg San Alwigi. Illi hija sseparat legalment minn ma' l-intimat permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarju datat 5 ta' Lulju 2007 in atti Nutar Nicholas Vella;*

*Illi miz-zwieg il-partijiet konjugi M kellhom tifla jisimha LM li llum ghandha sbatax [17] il-sena;*

*Illi l-konjugi M ilhom de facto separati sa mill-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni oltre l-erbgha [4] snin rikjesti mill-ligi;.*

*Illi l-partijiet m'ghandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom;*

*Illi m'hemmx lok li jergghu jirrikonciljaw;*

*Ghaldaqstant, u in vista tas-suespost din l-Onorabbli Qorti qed tigi umilment mitluba sabiex:-*

1. *Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk milll-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' SM, datata 7 ta' Mejju 2019, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi huwa ma jopponix ghat-talbiet rikorrenti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DM** xehdet a fol 17 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-23 t'Ottubru 1999 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fil-5 ta' Lulju 2007 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom wild wiehed, versu liema jithallas manteniment b'mod regolari. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa minn meta ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**SM** xehed a fol 19 *et seqq* u kkonferma u kkorobora x-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-23 ta' Ottubru 1999, u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat 5 ta’ Lulju 2007 (vide kuntratt fol 3 *et seqq*);

Jirrizulta ukoll m’hemmx pendenzi rigward hlas ta’ manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat inoltre illi jirrizulta li ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet u li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**